# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.7

**Kap 5: Il-ħbieb tagħna!**

**Lezzjoni 5.7: Ġesù jgħallimna nħobbu anke fit-tbatija**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jitgħallmu mill-ħajja ta' Ġesù kif dan kien iġib ruħu ma' ta' madwaru.
2. Jisimgħu kif ġab ruħu mat-tfal.



**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- **Bibbja: Ġesù mat-tfal**
- **Karta ta' taħriġ 5.5**
- **Jesus loves me**

http://www.youtube.com/watch?v=-JOOMnWcIGQ

## Naqsmu flimkien – L-ntroduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi tispjega li Ġesù qal lill-appostli li l-ġenna ħa jmur min jimita lit-tfal.
- Staqsi: X'taħseb li jogħġob lil Ġesù fit-tfal ċkejknin?
- X'taħseb li tfisser il-kelma tiċċekken?



## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)

- Aqra din is-silta minn Matt. 18, 1-5.

  > Dak il-ħin resqu d-dixxipli ta' Ġesù u staqsewh: 'Min mela hu l-akbar fis-saltna tas-smewwiet?' U Ġesù sejjaħ tfajjel, qiegħdu f'nofshom u qal: 'Ngħidilkom is-sewwa, jekk ma terġgħux issiru bħat-tfal, ma tidħlux fis-saltna tas-smewwiet. Min mela jiċċekken bħal dat-tfajjel ikun l-akbar fis-saltna tas-smewwiet. U min jilqa' f'ismi tfajjel bħal dan, jilqa' lili.'

- Uri li Ġesù kien juża ħafna metodi ta' tagħlim, bħal pereżempju l-parabboli jew jirrakkonta storja. Ġieli kien isaqsihom mistoqsija biex iġegħelhom jaħsbu. Xi drabi kien iwieġeb mistoqsija li jkunu staqsewh in-nies bħalma ġara hawn. Hawnhekk naraw lid-dixxipli jsaqsuh: 'Min mela hu l-akbar fis-saltna tas-smewwiet. Ġesù juża daqsxejn ta' tfajjel biex iweġibhom.
- Fakkar li t-tfal ma jżommux f'qalbhom, Għandhom qalbhom safja.



- Ħafna drabi nidħlu f'kompetizzjoni ma' oħrajn biex nidhru aħjar minn ħaddieħor u mhux għall-ġid tagħna lkoll. Hekk ġara wkoll lill-appostli. Ġesù ried jurihom li biex tidħol fis-saltna tas-smewwiet ma tridx tkun l-aqwa jew l-aħjar iżda trid tkun lest li sservi lil Alla u lil sħabek. Dan ifisser li trid tbati, għax triq tħalli ħafna drabi dak li jogħġbok jew dak li jaqbel lilek biex ħaddieħor ikun kuntent. Ma rridux naħsbu fina nfusna biss iżda naraw kif nistgħu nkunu ta' għajnuna għal ħaddieħor. Irridu nkunu umli bħal tfal ċkejknin għax huma mhumiex imkabbra jew ifittxu biex ikunu aħjar minn ħaddieħor.
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 5.5. Aqra s-silta mogħtija u agħti spjega ħafifa. Stidinhom biex jaħdmu Attività A u B fi gruppi.
- Aqra l-istorja f'Attività C u oħloq diskussjoni fuq il-mistoqsijiet li għandek.
- Fakkar lil kulħadd kemm hi ħaġa tajba li nkunu prudenti u ma nippretendu xejn minn ħadd.
- Spiċċa bis-*song: Jesus loves me.*

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**



1. Biex tidħol fis-Saltna t'Alla trid tħobb lil Alla bħalma t-tfal ż-żgħar jafu jħobbu.
2. Ġesù kien iħobb anke meta dan fisser tbatija.
3. Tajjeb li napprezzaw lill-oħrajn.
4. Ma nħallu qatt ir-rabja tieħu kontroll tagħna għax inbatu aħna u l-oħrajn.
5. Li tiġġudika hu dejjem ħażin għax int qatt ma tkun taf l-istorja kollha.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**



- Aħna t-tfal avolja żgħar xorta waħda importanti għal Alla.
- Biex nibqgħu magħqudin ma' Ġesù hemm bżonn li nkunu umli bħalma Ġesù umilja ruħu meta aċċetta li jmut għalina. Kemm hi ħaġa kerha li niġġudikaw lil xulxin.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Youtube : 'Jesus loves me' song

http://www.youtube.com/watch?v=-JOOMnWcIGQ



**Nitolbu**



O ħanin Alla, jekk jogħġbok agħmel li kull meta nsibha diffiċli biex inkun umli niftakar f'ibnek Ġesù ħalli nrabbi l-kuraġġ sabiex ma naqtax qalbi u ma nfittixx li nkun imkabbar.